**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 160/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**
**vs**
**Christopher Bonello**

**Illum 24 t'Ottubru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Christopher Bonello, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 225171M;

Akkuzat talli:

Nhar id-19 ta' Lulju, 2017, ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (19:00 hrs), gewwa Wembley Petrol Station, Triq it-Tiben, Swieqi minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Aleksandr Sidorov f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu jew gablu disordni f'mohhu, liema offiza giet certifikata bhala ta' natura gravi. (Art. 214, 215, 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 13 ta' Settembru, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat, current incident report, stqarrija tal-imputat, personal details tal-imputat, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, certifikat mediku mmarkat bhala Dok MS1, call logs immarkati bhala Dok MS2 u Dok MS3.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Aleksandr Sidorov, PS 790 Nathan Zerafa, Dr. Alan Drago, Jeremy Bonello.

**Spettur Matthew Spagnol**, kien gie nfurmat minn PS 1320 li certu Aleksandr Sidorov kien mar l-Ghassa jirraporta li qala' daqtejn meta kien il-Wembley Petrol Station, izda sa dak il-hin tar-rapport, ma kienx ghadu gab ic-certifikat mediku. Jghid li l-kaz kompla jigi nvestigat minn PS 790 fejn dan infurmah li Sidorov kien qal li l-persuna li tah daqtejn kien sid l-istess Wembley Garage u meta Sidorov kien qed jara xi ritratti ta' nies minn fuq is-sistema tal-Pulizija, kien gharaf lil Christopher Bonello. L-Ispettur Matthew Spagnol bghat ghal Christopher Bonello nhar il-25 ta' Lulju, 2018 fejn ittiehdet stqarrija fejn Bonello cahad li qatt sawwat lil Sidorov. L-Ispettur Spagnol kien talab lis-service providers biex jaghmlu localisation tal-mobile ta' Christopher Bonello fejn dawn infurmah li avolja l-informazzjoni ma setghetx tkun ezatta, irrizulta li l-mobile ta' Christopher Bonello kien fil-vicinanzi tal-Wembley Garage. Sahansitra kien talab li l-Pulizija jigbru CCTV footages tal-Wembley Petrol Station izda dawn gew infurmati mis-sid illi dawn il-cameras ma kienux qed jahdmu. L-Ispettur Matthew Spagnol jikkonferma li Christopher Bonello m'huwiex is-sid tal-Wembley Petrol Station.

**Aleksandr Sidorov**, spjega li fid-19 ta' Lulju, 2018 huwa mar il-Wembley Petrol Station biex jahsel il-karozza u meta pparkja l-karozza, giet persuna anzjana u qaltlu li peress li ghandu "puncher", kellu bzonn li jersaq minn hemm. Sidorov fehmu li kellu bzonn zewg minuti kollox u jitlaq u l-anzjan accetta r-risposta ta' Sidorov. Gara li hekk kif Sidorov lesta u kien se jitlaq, hareg ragel qasir u beda jghidlu li qed izomm il-karozzi milli jghaddu u qed jaghtu fastidju. Sidorov spjega li kien se jitlaq u hekk kif rikeb il-karozza tieghu u kien se jaghlaq il-bieb, dan ir-ragel qasir zammlu l-bieb u tah daqqa ta' ponn go wiccu u kkawzalu lacerazzjoni fix-xoffa ta' isfel ta' Sidorov. Sidorov gharaf lil Christopher Bonello bhala l-persuna qasir li tatu daqqa ta' ponn izda wara jghid li l-

persuna li tatu daqqa ta' ponn jixbah hafna lill-imputat fl-awla. Jispjega li wara li gie muri xi ritratti mill-Pulizija, huwa gharaf lil Christopher Bonello, izda gie nfurmat li Bonello huwa t-tifel tas-sid tal-pompa u mhux is-sid.

**PS 790 Nathan Zerafa**, jghid li huwa kien kompla r-rapport wara PS 1320 u meta l-vittma Sidorov talbu isem min allegatament agredieh, PS 790 Nathan Zerafa beda jfittex fis-sistema tal-Pulizija fejn Sidorov gharaf lil Christopher Bonello bhala l-agressur. Peress li Sidorov informa lil PS 790 illi min tah id-daqqa kien sid il-Wembley Petrol Station, PS 790 tella ritratt tas-sid fuq is-sistema tal-computer tieghu fejn gharaf lil Christopher Bonello.

**Dr. Alan Drago**, huwa tabib konsulent gewwa l-Emergenza ta' Mater Dei. Jghid li kien ezamina lil Aleksandr Sidorov fejn irrizulta li dan tal-ahhar kellu tbengila u nehfa fuq xoftu in-naha tal-lemin u kellu ferita fuq ix-xoffa ta' isfel fuq in-naha tal-lemin.

**Jeremy Bonello**, hu Christopher Bonello jahdem fl-amministrazzjoni tal-Wembley Petrol Station, spjega li minhabba Aleksandr Sidorov li kien qed jixxotta karozza, zamm kju qawwi ta' karozzi ohra li ma setghux jinqdew. Ghalhekk huwa mar jafronatah u talbu jiccaqlaq fejn Sidorov kien arroganti mieghu u anke tkellem hazin fil-konfront ta' Jeremy Bonello. Bonello ordnalu jitlaq minn fuq il-post u Sidorov dahal fil-vettura tieghu u sabbat il-bieba. Hawnhekk Bonello hassu urtat u tah daqqa ta' harta.

**Christopher Bonello,** spjega li kien sar jaf dwar dak li kien gara meta gie msejjah sabiex jattendi gewwa l-ghassa ta' San Giljan. Dak iz-zmien li kien sehh l-accident kien qieghed jghix gewwa d-dar t'ommu gewwa tal-Ibragg. Huwa lanqas biss kien jaf minn kien dan Sidorov. Waqt il-hin li kien qieghed isehh dan il-kaz huwa ma kienx gewwa l-pompa tal-Petrol anzi kien qieghed jitkellem mal-partner tieghu fuq ic-chats maghha. Huwa nnega li huh kien kelmu fuq il-kaz.

**Spettur Matthew Spagnol** esebixxa rapport li sar fid-19 ta' Lulju 2017 liema rapport sar minn Jeremy Bonello li huwa mmarkat bhala dok MS4.

**Ikkunsidrat**

Illi minn naha tal-pulizija fil-kors tal-investigazjzoni taghhom arrestaw lill-Christopher Bonnello u ghalkemm irrilaxxa stqarrija dan baqa' jinsisti fuq l-innocenza tieghu li ma kien ghamel xejn. Kien biss fuq dak li qal il-*parte civile* li ttiehdu proceduri kriminali kontra Christopher Bonello fejn gie akkuzat li kkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Aleksandr Sidorov skont ma' gie certifkikat minn Dr. Alan Drago.

Illi Christopher Bonello gie akkuzat li kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Aleksandr Sidorov. Skont il-verzjoni tal-*parte civile* kien gharaf lill-imputat minn ritratti li kienu gew murija lilu meta kien l-ghassa tal-Pulizija bhala l-persuna li kienet taghtu d-daqqa f'wiccu. Skont il-verzjoni tieghu ma kien hemm ebda provokazzjoni sabiex iqanqal din is-sitwazzjoni kontra tieghu meta kien mar gewwa l-Wembley Petrol Station sabiex jahsel il-vettura tieghu.

Illi meta xehed l-istess *parte civile* jidher li meta gie mistoqsi sabiex jiddentifika lil Christopher Bonello deher li ma kienx lest jikkommetti ruhhu u jghid b'mod definitiv li kien hu li tah id-daqqa. Illi qieghda ssir referenza ghal dak li hemm a fol 33 tal-process fejn gie mistoqsi mill-prosekuzzjoni fejn wiegeb hekk "*I've cannot know him before so I cannot testify on the cross that I know...*" fejn kompla jghid "*...I am telling you again that the person resembles* 100% *to the one who punched me...*".

Illi fuq dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tara li kien hemm konfuzjoni tal-mod tieghu kif qieghed jipprova jispjega min seta' kienet il-persuna li tat id-daqqa'. F'dak li gie kwotat mix-xhieda tieghu jaghtu impressjoni li l-persuna setghet ma kenitx certa mija fil-mija li Christopher Bonello kienet il-persuna li tat id-daqqa. Madankollu, jidher li certu Jeremy Bonello li jigi hu l-imputat kien ghamel rapport kontra l-*parte civile* minhabba l-mod kif kien gab ruhhu mieghu dakinnhar li sehh il-kaz. Illi dan ir-rapport li huwa mmarkat bhala dok MS4 jerga' jitfa' dubji dwar min seta kienet il-persuna li kellha xi tghid maghha il-*parte civile*.

Illi minn dan kollu jidher b'mod car li Jeremy Bonello ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Meta xehed fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2018 qal b'mod car li kien hu li ta d-daqqa lill-*parte civile* fejn qal a fol 47 li *..and slapped him on the face*. Illi ghalhekk ghalkemm huwa stess ghazel li jixhed f'din is-sitwazzjoni pogga lillhu nnifsu f'sitwazzjoni fejn jistghu jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu. Illi anki fir-rapport

li sar nhar id-19 ta' Lulju 2017 u li jidher li sar fil-mument li anki l-parte civile kien qed jaghmel ir-rapport, johrog bic-car fejn semma li kien ta daqqa f'wicc il-parte civile. Illi f'ebda hin mix-xhieda tal-parte civile qal li kien gie aggrediet minn zewg persuni izda dejjem insista u qal li kienet persuna wahda li ghamlet hekk.

**Ikkunsidrat**

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Illi wara din l-esposizzjoni legali jidher b'mod car li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha kontra Christopher Bonello. Dan il-fatt qieghed jinghad li l-persuna ta' Christopher Bonello giet akkuzata wara li l-istess Aleksandr Sidorov ra diversi ritratti u ghazel tal-imputat. Illi pero' sa hawn ma kienx ikun hemm diffikulta' sabiex tinstab htija izda meta ghandek persuna ohra li ammettiet kemm mal-Pulizija li tat id-daqqa u anki meta xehdet f'dawn il-proceduri, allura jinbidlu ferm l-affarijiet. Illi pero' mix-xhieda mghotija minn Jeremy Bonello hemm divergenza kemm ghal fatt li kien hu li ammetta li kien ta d-daqqa f'wicc l-*parte civile* u mhux huh. Illi dan il-fatt huwa wkoll korroborat li fl-istess jum li sehh il-kaz kien ghamel rapport kontra persuna li kienet kelmitu hazin waqt li ammetta li kien tah daqqa f'wiccu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma ssibx lill-imputat Christopher Bonello hati tal-akkuza migjuba kontra tiegħu ghalhekk tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

Illi tenut kont tal-ammissjoni stess ta' dak li qal f'dawn il-proceduri l-istess Jeremy Bonello, tissollecita' lill-Pulizija Esekuttiva sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**